**Ruling mogħti mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia fis-Seduta 399 tal-10 ta' Novembru 2025 dwar ostakolar ta' camera tal-PBS**

Fis-Seduta 397 tat-Tlieta, 4 ta' Novembru 2025, eżattament wara li s-Sedja ssospendiet is-seduta għal ftit ħin, wara li l-Onorevoli Prim Ministru Robert Abela kien temm id-diskors tiegħu, l-Onor. Byron Camilleri talab hekk:

> "**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Sur President, se nitlob ruling mis-Sedja, jekk jogħġbok. Se nagħmel referenza għad-deċiżjoni tal-House Business Committee li mbagħad ġiet verbalizzata f'dan il-Parlament li kienet tgħid li għandhom jitħallew il-cameras tal-PBS f'dan il-Parlament.
>
> Nirreferi wkoll b'mod primarju għall-artikolu 173A(1), (2), (3) u (4) tal-Istanding Orders, primarjament 173A, li jgħid ċarament li l-Ispeaker jista' jordna l-interruzzjoni tax-xandiriet meta fl-opinjoni tiegħu jkun meħtieġ. Dan il-poter huwa lill-Ispeaker u lill-ebda Membru ieħor ta' din il-Kamra u għaldaqstant qed nitlob lis-Sedja biex tistħarreġ dak li ġara llum f'dan il-Parlament u anke, jekk tħoss il-bżonn, tagħti ruling."

Hawnhekk is-Sedja wieġbet lill-Onor. Byron Camilleri:

> "**L-ISPEAKER**: Issa nara kollox jien. Se npoġġi l-mistoqsija."

Hawnhekk l-Onor. Paula Mifsud Bonnici qalet hekk:

> "**ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI**: Nitolbok tara l-Mozzjoni 420 li kienet tgħid ċar u tond li s-seduta kellha tieqaf fit-8.30 p.m. (Interruzzjonijiet) Iva, hekk kienet tgħid. Qal hekk l-Ispeaker ukoll. L-Ispeaker beda jipprova jwaqqaf lill-Prim Ministru milli jkompli imma jidher li m'għandekx saħħa biżżejjed biex tagħti d-deċiżjoni ..."

Wara li qalet dan id-diskors l-Onor. Paula Mifsud Bonnici, is-Sedja qalet hekk:

> "**L-ISPEAKER:** Jekk jogħġobkom. Mhux se nieħu aktar kummenti."

Imbagħad l-Onor. Beppe Fenech Adami qal hekk:

> "**ONOR. BEPPE FENECH ADAMI:** Sur President, waqt li kien hawn il-kommossjoni hawn isfel kien hemm nies fl-iStrangers' Gallery li huma u ħerġin bdew jindirizzaw lill-Onor. Paula Mifsud Bonnici u jgħajruha pastaża. (Interruzzjonijiet) Jien – se nitkellem fuqi – rajt persuni f'dik il-parti tal-gallarija jgħajru lill-Onor. Paula Mifsud Bonnici pastaża u għalhekk nitolbok tinvestiga, forsi jista' jgħinek fl-investigazzjoni ..."

Hawnhekk is-Sedja wieġbet lill-Onor. Beppe Fenech Adami:

> "**L-ISPEAKER**: Agħmel il-konklużjoni, se toqgħod tieħu ħafna ħin! (Interruzzjonijiet)"

Hawnhekk l-Onor. Beppe Fenech Adami mbagħad qalet hekk:

> “**ONOR. BEPPE FENECH ADAMI**: F’dak il-mument kien hemm l-ushers tal-Parlament qegħdin jidderieġu lin-nies ’il barra. Waqt li kienu qed jidderiġuhom hemmhekk ħdejn dak ...”

U hawnhekk indika parti mill-iStrangers Gallery fuq in-naħa tat-tarf. Hawnhekk is-Sedja qaltlu li diġà spjegaha din u l-Onor. Fenech Adami wieġeb hekk:

> “**ONOR. BEPPE FENECH ADAMI:** Biex tifhem fejn seħħ l-inċident, forsi jgħinek l-usher li kien hemmhekk, li ra l-għajjat fil-konfront tal-kollega l-Onor. Paula Mifsud Bonnici.”

Is-Sedja mbagħad wieġbet u qalet:

> “**L-ISPEAKER**: Grazzi. Se nara kollox.”

Hawnhekk talbet li tagħmel intervent l-Onor. Naomi Cachia u qalet hekk:

> “**ONOR. NAOMI CACHIA**: Kumment tal-aħħar u mmorru għall-vot min-naħa tiegħi. Illum rajna Oppożizzjoni li kienet l-aktar arroganti li qatt rajt f’din il-Kamra. (Għajjat) Jekk ma jridux jisimgħu naħseb li l-poplu kellu dritt jisma’ x’kellu xi jgħid il-Prim Ministru. Allura se nitolbu għal darb’oħra li l-aġir f’din il-Kamra jkun aħjar għaliex ma jistax ikun li kull darba li l-Prim Ministru jindirizza lil dan il-pajjiż, l-Oppożizzjoni dejjem twaqqfu. M’aħniex tfal żgħar u ejja nitolbu aħjar mill-Membri ta’ din il-Kamra.”

Is-Sedja qalet li se tieħu nota ta’ kollox u mbagħad saret il-mistoqsija u ntalbet division.

Is-Sedja rat il-filmati kollha sal-mument meta s-Sedja, minħabba li kien hemm ħafna għajjat fil-Kamra, kellha tissospendi s-seduta wara li saret il-mistoqsija. Is-Sedja se tagħmel referenza għall-aħħar ftit minuti u għal meta fil-fatt issospendiet il-Kamra u tinnota, kronoloġikament, dawn il-ħinijiet.

Meta kien qiegħed jitkellem il-Prim Ministru, proprju fl-aħħar ftit minuti li kien fadallu sat-8.30 p.m. skont il-Mozzjoni 192, is-Sedja għamlet sinjal lill-Prim Ministru biex jikkonkludi. Tant hu hekk li eżattament xħin kien fadal tliet minuti s-Sedja xegħlet id-dawl l-aħdar bħalma tagħmel is-soltu. Hawnhekk l-Onor. Paula Mifsud Bonnici, jiġifieri fi tliet minuti neqsin tlettax-il sekonda, bdiet tagħmel sinjali fuq il-ħin li kien fadal allokat għall-Prim Ministru, xi ħaġa li s-Sedja kienet diġà konxja tagħha. Tant hu hekk li kienet diġà xegħlet id-dawl l-aħdar, kif diġà ntqal, li jfisser li kien fadal tliet minuti u ftit inqas biex il-Prim Ministru jagħlaq id-diskors tiegħu.

Eżattament kif bdew jersqu fi tmiemhom it-tliet minuti, is-Sedja xegħlet il-bozza l-ħamra biex tindika li fadal massimu ta’ minuta biex jagħlaq id-diskors tiegħu, u wara ħmistax-il sekonda li nxtegħlet il-bozza l-ħamra, l-Onor. Paula Mifsud Bonnici bdiet tgħolli jdejha, u s-Sedja fehmet għalfejn kienet qed tgħolli jdejha, biex tiġbed l-attenzjoni dwar il-ħin. Hawnhekk is-Sedja kompliet tindirizza lill-Onorevoli Prim Ministru u talbitu biex jagħlaq għaliex skadielu l-ħin, fejn hawnhekk l-Onorevoli Prim Ministru talab 20 sekonda.

Kien f’dan il-mument li s-Sedja tfiet il-microphone u proprju 15-il sekonda wara eżatt, l-istess Onor. Paula Mifsud Bonnici, kif tidher indikata anke fil-filmat tal-camera li s-Sedja għandha appositu biex f’każ ta’ inċident tkun tista’ tara dak kollu li ġara fil-Kamra, kif għamlet, marret

quddiem l-unika camera tal-PBS li kienet qed tittrasmetti dirett lill-Prim Ministru bid-diskors tiegħu, u dehret fil-filmat fil-bidu tgħolli jdejha. Is-Sedja sa dak il-ħin ma kenitx qed tinnota, peress li kienet qed tindirizza lill-Prim Ministru anke waqt li l-microphone kien mitfi, li l-Onor. Paula Mifsud Bonnici kienet qiegħda tgħatti kompletament il-viżiv tal-camera tal-PBS, u per konsegwenza ostakolat b'mod totali x-xandira li kienet għadha għaddejja fil-Kamra tar-Rappreżentanti, meta s-Sedja kienet għadha ma talbitx lill-crew tal-PBS biex jirtiraw mill-Kamra. Kien hawnhekk li nqala' storbju sħiħ miż-żewġ naħat tal-Kamra fejn fuq naħa tal-Oppożizzjoni, kif jidher fil-filmat, japprovaw dak li kienet qed tagħmel l-Onor. Mifsud Bonnici dak il-ħin, u min-naħa tal-Gvern kien hemm diversi indirizzi lis-Sedja dwar dak li kienet qed tagħmel l-Onor. Paula Mifsud Bonnici. Kien hawnhekk li l-Prim Ministru ngħata 20 sekonda biex jagħlaq u fil-fatt wara 20 sekonda d-diskors tal-Prim Ministru mar out of mic.

Jirrizulta li eżattament 29 sekonda minn mindu l-Onor. Paula Mifsud Bonnici ostakolat il-camera tal-PBS, reġgħet marret lura fil-pożizzjoni tagħha, meta hawnhekk kien diġà konkluż kollox u ovvjament is-Sedja ressqet il-mistoqsija u l-vot. Peress li nqala' ħafna storbju, is-Sedja ssospendiet għal ħames minuti.

Jingħad minnufih li l-Onor. Paula Mifsud Bonnici, dak il-ħin li bdiet titlob li tagħmel osservazzjoni dwar il-ħin, is-Sedja kienet diġà qed tieħu l-pussess tagħha, kif tagħmel is-soltu, dwar l-osservanza tal-ħin allokat lill-Prim Ministru. Tant hu hekk li l-Prim Ministru ngħata diversi kawteli biex jagħlaq u fil-fatt is-Sedja qatgħet il-microphone għal xi ħin u tat 20 sekonda biex jagħlaq wara li kien skaldielu l-ħin.

Apparti dan, is-Sedja ħadet nota ta' dak li qalet l-Onor. Paula Mifsud Bonnici, wara li ntalab ir-ruling mill-Onor. Byron Camilleri, fejn allegat li:

> "L-Ispeaker beda jipprova jwaqqaf lill-Prim Ministru milli jkompli imma jidher li m'għandekx saħħa biżżejjed biex tagħti d-deċiżjoni".

Dan huwa kompletament skorrett għax is-Sedja ħadet il-passi li kellha tieħu; tant hu hekk li tfiet il-microphone għal darba, darbtejn, u allokat biss 20 sekonda fuq il-ħin meta fil-fatt is-Sedja kienet fil-kontroll totali waqt li kien qed jitkellem l-Onorevoli Prim Ministru. Dan peress illi kien evidenti li ma kienx hemm qbil fil-Kamra fuq il-ħin illi ntilef fuq diversi points of order li saru mill-Oppożizzjoni , li fil-maġġoranza assoluta tagħhom ma kienu points of order xejn, waqt li kien qed jitkellem il-Prim Ministru u li dawn fit-total tagħhom jammontaw għal diversi minuti.

Is-Sedja se tkompli biex tara wkoll dak li allega l-Ministru Byron Camilleri u dan b'referenza għall-Ordni Permanenti 173A(1), (2), (3) u (4) li jaqra hekk:

> "173A.(1) Il-Kamra tawtorizza, skont it-termini, kundizzjonijiet u regoli li jistgħu jkunu determinati mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra minn żmien għal żmien, ix-xandir kemm b'mod dirett kif ukoll rekordjat, bil-viżiv u bl-udit, tas-seduti tal-Kamra tad-Deputati fil-Plenarja u tal-Kumitati maħtura mill-Kamra fl-intier tagħhom permezz tar-radju, it-televiżjoni, l-internet jew kull mezz ieħor li l-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra jidhirlu xieraq.
> (2) Is-seduti tal-Kamra tad-Deputati fil-Plenarja għandhom jixxandru fl-intier tagħhom u diretti bir-radju mill-Public Broadcasting Services.
> (3) L-Ispeaker jista' jordna l-interruzzjoni tax-xandiriet meta, fl-opinjoni tiegħu, ikun meħtieġ.

(4) Fil-każ ta' seduti miżmuma fil-magħluq, dawn is-seduti ma jixxandrux."

Is-Sedja rat ukoll dak li ġie deċiż fl-aħħar laqgħa tal-House Business Committee, li fiha pparteċipat ukoll l-istess Onor. Paula Mifsud Bonnici u anke vvotat mal-Membri kollha, jiġifieri kemm tal-Oppożizzjoni kif ukoll tal-Gvern, b'mod unanimu għal din id-deċiżjoni li se naqra. Qed nirreferi għall-aħħar laqgħa tal-House Business Committee li saret ftit qabel ma bdew il-proċeduri tas-seduti tal-Parlament dwar il-Baġit. Se nikkwota:

> "**L-ISPEAKER:** Nistieden issa lill-Kap tal-Kamra, id-Deputat Prim Ministru, jew il-Whip tal-Gvern, sabiex jinforma lill-Kumitat dwar il-programm tax-xogħol tal-Gvern għall-ġimgħat li ġejjin."

Hawnhekk l-Onor. Deputat Prim Ministru informa li se tgħaddi l-informazzjoni kollha u li se tagħmel il-preżentazzjoni l-Onor. Naomi Cachia, li qalet hekk.

> "**ONOR. NAOMI CACHIA:** Lestejt skeda bħalma nagħmlu normalment għall-estimi tal-Baġit. Ovvjament jum il-Baġit huwa s-27 ta' Ottubru. Ikollna jumejn xogħol normali tal-Kamra, it-Tlieta 28 u l-Erbgħa 29 ta' Ottubru. Imbagħad nitilqu mill-ewwel bħalma jiġri normalment bir-replika tal-Kap tal-Oppożizzjoni, tal-Prim Ministru, imbagħad l-estimi għal kull Ministeru. Lestejt skeda li timxi ħafna fuq dak li bnejna fl-aħħar snin; jiġifieri niltaqgħu filgħodu u filgħaxija mit-Tnejn sal-Erbgħa. Is-seduta ta' filgħodu ssir fid-9.00 a.m., bit-tieni seduta tibda fl-4.00 p.m. Il-mistoqsijiet parlamentari jsiru biss fis-seduta tal-4.00pm, u mingħajr aġġornament. Xejn ta' barra minn hawn. Se ngħaddilkom l-iskeda kif ippreparajtha. Ovvjament min-naħa tagħna, bħala ministeri, huma kkonfermawha. Araw issa min-naħa tagħkom id-disponibbiltà tal-kelliema, eċċ."

Hawnhekk is-Sedja talbet li tiġi mgħoddija kopja lill-Oppożizzjoni u qalet hekk:

> "**L-ISPEAKER:** F'dak li għandu x'jaqsam ma' xandir, u din importanti u nixtieq nara jekk hawnx qbil, bħalma ġara fis-snin ta' qabel, fis-sala tal-Parlament, b'żieda mal-cameras fissi tal-Parlament, għall-ewwel tliet seduti, jiġifieri meta jinqara l-baġit, meta jkun hemm l-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni u meta jkun hemm il-Prim Ministru, ikun hemm ukoll il-cameras tal-PBS, bl-istess PBS jagħti feed lil kull stazzjon. Dik daħħalnieha li kull stazzjoni jagħmel talba lill-PBS, biex ikun jista' jxandar dawn is-seduti. S'hawnhekk hawn qbil ukoll. Il-PBS irid jagħti feed lil kull service provider li jkun jixtieq ixandar is-seduti online. Imbagħad isiru l-arranġamenti neċessarji sabiex waqt it-trażmissjonijiet imsemmija jkun hemm servizz għal persuni neqsin mis-smigħ, li hija proċedura li daħħalnieha mill-bidu. Fil-bidu tal-ewwel tliet seduti, jiġifieri l-Baġit, il-Kap tal-Oppożizzjoni u l-Prim Ministru jidħlu wkoll fotografi u cameramen għal ftit minuti fil-Kamra wara l-Ispeaker, kif ukoll fiż-żona riżervata għall-midja fit-tieni sular. Naqblu wkoll.
>
> Jekk taqblu se nikkomunika mal-PBS sabiex jidħlu r-reaction shots, jiġifieri jkun hemm tqassim ekwu dwar kemm ikun hemm shots fuq kull naħa, f'dik li hija alternanza u tul ta' ħin. Alternanza jkun hemm, imma tul ta' ħin ikun l-istess. Tali shots ma jkunux close ups fuq xi membru partikolari imma jkunu jinkludu l-membri oħrajn li jkunu wara l-membru partikolari li jkun qed jitkellem. Naqblu? (Onor. Membri: Iva)"

Hawnhekk il-Membri kollha, inkluż l-Onor. Paula Mifsud Bonnici, qalu li jaqblu u kkonfermaw li hemm qbil fuq dawn il-linji gwida. Is-Sedja mbagħad staqsiet lill-Membri

kollha tal-Kumitat jekk kienx hemm xi diffikultajiet dwar dan u l-Membri kollha, b'mod unanimu, qalu kollha le, inkluż l-Onor. Paula Mifsud Bonnici.

Jingħad ukoll li kien hemm qbil fil-Kamra, meta ġejna biex nittrasmettu, li jkun hemm ukoll is-servizz tal-lingwa tas-sinjali għal dawk il-persuni b'nuqqas ta' smigħ tant li ġew ingaġġati esperti f'dan il-qasam biex jagħtu dan is-servizz fil-Kamra, u dan kif jidher fl-iscreen li jkunu qed isegwu s-seduti kollha sabiex ikunu jistgħu jifhmu x'qed isir, u din tkun ukoll tidher fl-iscreen waqt li tkun qed titkellem il-persuna partikolari, f'dan il-każ l-Onorevoli Prim Ministru meta kien qed jagħmel il-kontro-replika tiegħu qabel il-vot.

Jidher ċar u manifest b'mod grossolan illi l-komportament tal-Onor. Paula Mifsud Bonnici, li kienet qed tattendi s-seduta bħala Aġent Whip tal-Oppożizzjoni fin-nuqqas tal-Whip l-Onor. Robert Cutajar, li kontra l-istess Standing Order 173 A paragraph 3, li tostakola b'mod komplet il-viżiv tas-seduta meta l-istess seduta kienet għadha għaddejja u meta s-Sedja kienet għadha ma tatx l-ordni biex il-cameras tal-PBS jirtiraw mill-Kamra u dan skond l-Ordni Permanenti 173 A paragraph 3, ċertament li huwa atteġġjament kompletament deplorabbli b'insult ċar lejn ir-regolamenti tal-Kamra u d-dinjità lejn l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż.

B'dak li għamlet l-Onor. Paula Mifsud Bonnici f'din is-Seduta, b'għemilha, ħolqot diżordni kbira fil-Kamra. Fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, ma kienx ikun għaqli li s-Sedja tapplika Standing Order 63 meta ftit sekondi wara l-inċident gravi, ġiet fi tmiemha s-seduta. Madankollu l-konsegwenzi ta' għemilha, u ċjoè tal-Onor. Paula Mifsud Bonnici, kienu li ċaħħdet eluf ta' nies milli jsegwu s-seduta u d-diskors aħħari tal-Onorevoli Prim Ministru, u fl-opinjoni tas-Sedja agħar minn hekk, ċaħħdet is-servizz speċjali għal dawk il-persuni b'nuqqasijiet speċjali li kienu qed isegwu d-diskors tal-Onorevoli Prim Ministru bil-lingwa tas-sinjali u dan minħabba l-fatt li l-viżiv ta' dawk il-persuni li qed jagħtu dan is-servizz bil-lingwa tas-sinjali ġie kompletament blokkat fl-iscreen tat-televiżjoni.

Is-Sedja tiddeplora l-imġiba negattiva għall-aħħar tal-Onor. Paula Mifsud Bonnici. Is-Sedja rat li pubblikament l-Onor. Paula Mifsud Bonnici skużat ruħha fil-ġranet li għaddew għal dak li għamlet f'din is-Seduta 397 tal-4 ta' Novembru 2025, liema skuża kienet ukoll indirizzata lil din l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż u għalhekk qiegħda tikkunsidra dan il-każ issa magħluq.

Tajjeb li jingħad ukoll lil kull membru ta' din il-Kamra, inkluż l-Onor. Paula Mifsud Bonnici, meta ma jkunx hemm qbil ma' xi ħaġa li tkun ta' proċedura parlamentari, hemm il-proċeduri indikati fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra li permezz tagħhom jistgħu dejjem jitolbu r-rimedji meħtieġa u ċertament ir-rimedju m'għandux ikun l-azzjoni li għamlet l-istess Onor. Paula Mifsud Bonnici.

Ir-ruling huwa deċiż.